# Seba’ NGOs jilqgħu l-bidla fil-pożizzjoni tal-Gvern u tal-Oppożizzjoni dwar Manoel Island

## Il-Gvern għandu jisma' l-karba tal-poplu

Li nsalvaw Manoel Island u nrodduha lill-pubbliku bħala park nazzjonali, kisbet momentum akbar issa li l-Oppożizzjoni biddlet fehmtha u ddikjarat li tappoġġjha l-petizzjoni li ffirmaw aktar minn 29,000 persuna.

Filwaqt li seba’ NGOs jilqgħu din id-deċiżjoni li ħabbar illum Dr. Bernard Grech, iħossu wkoll li huwa xieraq li jfakkru f’okkażżjonijiet fil-passat fejn gvernijiet biddlu l-ideat ta' żvilupp u ddikjaraw siti bħala parks pubbliċi. Ir-riżerva naturali tal-Għadira nħolqot wara li triq li kienet iddisinjata biex tgħaddi minn nofsha, ġiet iddisinjata mill-ġdid aktar qrib il-bajja. L-istess ġara fil-każ tal-Park tal-Majjistral li kien fil-mira li jiġi żviluppat f'kumpless kbir tal-golf.

L-NGOs jilqgħu ukoll l-istedina għal laqgħa mill-Prim Ministru Dr. Robert Abela u jittamaw li dan il-Gvern ukoll iħalli legat billi jkun kuraġġuż biżżejjed biex jiddikjara li se jipproteġi l-Manoel Island minn kull żvilupp u joħloq park li jista’ jitgawda minn kulħadd.

L-NGO's firmatarji ta' din l-istqarrija huma:

- Azzjoni: Tuna Artna Lura
- BirdLife Malta
- Din l-Art Helwa
- Flimkien għal Ambjent Aħjar
- Friends of the Earth Malta
- Moviment Graffitti
- Nature Trust – FEE Malta

**TMIEM**